# L-INĦAWI TAL-KAPPELLA TA' BIRMIFTUĦ

Il-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ kienet mibnija fil-kampanja, fid-diżabitat, 'il barra mill-irħula li kienu jiffurmaw din il-parroċċa. Hekk kiteb l-Isqof Molina fil-Vista Pastorali tiegħu fl-1679.[1] Sa dik is-sena l-aħjar żmien ta' din il-knisja kien għadda. Il-parroċċa kbira kienet inqasmet u anke n-nies tar-raħal tal-Gudja, li kellu din il-knisja fil-limiti tiegħu, kienu bnew knisja parrokkjali ġdida. Terġa', is-sagrileġġ li sar fl-1663 kompla wera n-nuqqas ta' sigurtà li kellha din il-knisja.



Il-knisja ta' Bir Miftuħ qatt ma kienet imdawra bil-bini. Dejjem kienet 'il barra mill-irħula li kienu jiffurmaw din il-parroċċa.

Li knisja parrokkjali tkun mibnija barra mir-raħal, jew irħula, li jagħmlu magħha ma kenitx ħaġa stramba f'Malta Medjevali. Monsinjur Dusina jirreferi għall-knisja li kienet tinsab f'San Ġwann tal-Għorgħar bħala waħda li kien jingħad li darba kienet il-knisja Parrokkjali ta' Birkirkara[2]. Iż-Żejtun fil-bidu kien magħmul minn tlett irħula li kienu għadhom ma ngħaqdux, u l-knisja kienet tinsab barra minnhom. Din tidher stramba għalina li mdorrijin nassoċjaw il-knisja mal-qalba tar-raħal, iżda s-sitwazzjoni fl-antik kienet differenti ħafna.

Il-parroċċi kienu kbar fil-qies iżda żgħar fil-popolazzjoni. Kien hemm ħafna rħula, għalkemm in-numru tan-nies kien żgħir, bil-konsegwenza li dawn kienu ċkejknin. Barra minn hekk, ħafna kienu joqogħdu f'irziezet, barra minn dawn l-irħula. Allura ma kienx il-każ li kull raħal ikun parroċċa għalih, għax kienu żgħar wisq, u li kieku l-knisja parrokkjali kellha tkun f'xi wieħed minnhom kien ikun ta' vantaġġ għan-nies ta'dak ir-raħal biss. Probabbli għan-nies ta' dak iż-żmien 'id-diżabitat' ma kienx xi ħaġa kerha daqs kemm sar wara, meta kienet saret il-bidla fil-ħajja tal-Maltin li bdew jinġabru fi rħula akbar u jħallu l-irħula żgħar tant li bosta rħula, per eżempju Ħal-Farruġ, għebu għal kollox.

Fil-każ ta' Birmiftuħ, li kien jiġbor fih l-irħula tal-Gudja, Ħal Tarxien, Imqabba, Ħal Safi, Ħal Luqa, Birżebbuġa, Ħal Kirkopp u Ħal Farruġ, insibu soluzzjoni prattika għall-bogħod li kellhom ħafna nies mill-parroċċa. Kull *casal* kellu knisja li kienet *il-knisja prinċipali* ta' dak il-*casal*. Hekk għandna nifhmu li n-nies kienu moqdijin biżżejjed, anke jekk ma kinux jifilħu jieħdu t-triq lejn il-knisja parrokkjali, jew jekk kienu anzjani. Dan ukoll igegħilna naħsbu li mhux kulħadd kien iżur il-knisja ta' Birmiftuħ ta' sikwit, ngħidu aħna kull nhar ta' Ħadd, iżda li parti mill-parruċċani kienu jaqdu l-bżonnijiet spiritwali tagħhom fil-knejjes tal-*casal* stess.

Madankollu, minkejja l-bogħod, il-Kappella ta' Birmiftuħ kienet iċ-ċentru ta' dawn l-irħula. Madwarha ġew mibnija ħames knejjes żgħar, dik ta' Santa Katarina, ta' l-Assunzjoni, tan-Nattività ta' Marija, ta' San Ġorġ u ta' San Bastjan. Wieħed mill-ewwel jinnota li waħda minnhom kienet iddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija, bħall-knisja parrokkjali nnifisha[3]. Dawn kienu jgħoddu bħala kappelli separati mill-knisja, iżda fl-istess ħin kienu jinfdu għal ġo fiha u, allura, nistgħu ngħidu li kienu jiffurmaw parti minn kumpless wieħed. Nagħtu daqqa t'għajn lejn dawn il-kappelli waħda waħda.

Il-knisja ta' Santa Katarina kienet mibnija tmiss mal-knisja parrokkjali. Fl-1575 kellha bieb ta' l-injam, ħaġa li bosta knejjes ma kellhomx. Nhar il-festa kienet tiġi ċċelebrata quddiesa minbarra li kien isir quddies ieħor ukoll. Din l-informazzjoni żgħira tista' tiżdied jekk wieħed jara visti pastorali li ġew wara. Hekk insibu li din il-knisja ġiet deskritta bħala *sacellum*, jigifieri knisja żgħira. Kellha żewġ bibien, wieħed jieħu lejn iċ-ċimiterju u l-ieħor għal ġol-knisja, dak ta' l-ewwel kien jissakkar. L-altar kien dejjaq. Il-knisja kienet inbniet b'ordni ta' Luċia Barbara minn Ħal Tarxien u kienet diġà teżisti fl-1515.

Kellha ikona ta' l-injam li kienet turi lil Santa Katarina fin-nofs, Santa Barbara fuq il-lemin u Santa Appollonia fuq ix-xellug. Diversi visti pastorali jgħidu li n-nies kienu jipprovduha b'dak li kien ikun hemm bżonn. Maż-żmien, din il-kappella ċkejkna, bħal ħafna oħrajn, spiċċat, u fir-rapport tal-Vista Pastorali ta' l-

1699, insibu li l-festa tagħha kienet bdiet tiġi ċċelebrata fil-parroċċa. Fl-1745 naqraw illi kienet issir quddiesa letta fil-knisja parrokkjali. F'dan ir-rapport, il-Kappella ta' Santa Katarina tissejjaħ *parva*, jiġifieri ċkejkna.

Il-Kappella ta' l-Assunzjoni kienet tinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja ewlenija. Fl-1575, bħall-knejjes l-oħra, ma kellhiex rettur. Kellha bieb ta' l-injam. Ċertu Bartilmew Mangion kellu għalqa u kien jieħu ħsieb li ssir quddiesa fil-ġranet ta' festa. Mill-Vista Pastorali tal-1615 nsiru nafu li kellha pittura eleganti li kienet turi l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija u San Gratiano. Fl-1656 kellha pittura fuq it-tila li kienet turi lil Sidtna Marija, San Mikiel u San Ġakbu. 'Il fuq mill-bieb tagħha kien hemm impittra l-erwieħ tal-purgatorju.[4] Nhar l-Assunzjoni kienet issir quddiesa kantata u anke l-għasar.[5] Dan, sintendi, barra miċ-ċerimonji li kienu jsiru dak in-nhar stess fil-knisja parrokkjali. Dak in-nhar ukoll kienet tingħata ikla b'xejn lil xi foqra miżerabbli.

F'xi visti pastorali nsibu l-Kappella tal-Assunzjoni msejħa *sacellum*, li juri li kienet ċkejkna. Kienet fuq in-naħa l-oħra tal-knisja parrokkjali mill-kappella ta' Santa Katarina u qrib il-fonti tal-magħmudija. Il-bieb li jagħti għaċ-ċimiterju kien iħares lejn il-Lvant. Din il-kappella kellha d-dħul minn għalqa li kienet tinsab f'Wied il-Knejjes.

Il-kappella tan-Nattività ta' Marija kienet mibnija fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja parrokkjali, qrib l-altar maġġur. Fl-1575 kellha kemm bieb ta' l-injam kif ukoll art miksija bil-ġebel. Din ukoll xi drabi ġiet imsejħa *sacellum*. Kellha ikona qadima ta' l-injam impittra b'diversi kuluri li kienet turi lil Omm Alla u lill-Appostli Pietru u Pawlu. Ikona oħra kienet turi lil San Pietru, San Pawl u San Ġorġ. Fil-Vista Pastorali ta' l-1678 insibu li din ġiet ipprofanata u l-ikona tagħha, li kienet turi lil Sidtna Marija b'Ġesu fuq dirgħajha, kienet tinsab fil-knisja parrokkjali l-antika.

Fil-festa kienu jiġu ċċelebrati quddiesa u għasar u kienet tingħata ikla lill-kappillan u lis-sagristan. L-Isqof Cocco Palmieri ttrasferixxa l-quddiesa tal-festa għall-Ħadd ta' wara f'ġieħ l-Isem Imqaddes ta' Marija.

Żewġ knejjes żgħar oħra kienu dawk ta' San Ġorġ u San Bastjan. Dik ta' l-ewwel kienet tinsab ħdejn il-knisja, qrib il-bieb li kien jagħti lejn it-Tramuntana. Fl-1575 kellha altar wieħed u kien jonqosha bieb ta' l-injam. Għalhekk, Monsinjur Dusina kien ordna illi ma jsirux ċelebrazzjonijiet qabel ma l-knisja jkollha bibien ta' l-injam li jingħalqu. Nhar San Ġorġ kienet tiġi ċċelebrata quddiesa mħallsa mid-devozzjoni tan-nies. Dik ta' San Bastjan kienet mibnija fuq in-naħa tax-xellug, qrib il-bieb il-kbir tal-knisja, lejn in-Nofsinhar. Bħall-oħra, kellha altar wieħed u ġie ordnat li ma jsirux funzjonijiet fiha sakemm ikollha bieb.

Madwar il-Kappella ta' Birmiftuħ kien hemm ċimiterju kbir, imdawwar b'ħajt li fih indifnu bosta nies.[6] F'nofsu, quddiem id-dħul tal-Knisja, kellu Kurċifiss tal-ġebel. Wara li nbniet il-Knisja Parrokkjali l-ġdida ċ-ċimiterju kien jiġi mbierek kull sena f'Jum it-Tifkira tal-Mejtin. Meta l-isqof kien iżur il-post, il-kappillan kien jitlob għall-mejtin u kienu jiġu mbierka l-oqbra ta' dan iċ-ċimiterju. Fost dawk li ndifnu hawn insibu vittmi tal-pesta l-kbira ta' l-1676.

Drawwa oħra li nsibu kienet dik li f'jiem ta' festa kienet tingħata xi forma ta' karità. Hekk, fil-Kappella ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija, nhar l-ottava tat-Twelid ta' Sidtna Marija, kienet issir ikla, aktarx fil-għodu (tissejjaħ *jentaculi)*, lill-foqra. Kienu jieklu wkoll il-kappillan u s-sagristan. Maż-żmien din ġiet mibdula għal żewġ tari.[7] L-istess



"Pissidi żgħir ta' importanza storika, għoli 17.5 cm. It-tazza tiegħu hi magħmula minn fidda lixxa b'għatu tal-fidda f'forma ta' koppla doppja. Is-sieq f'forma ta' balavostra u l-bażi ċirkulari tiegħu huma tal-bronż ibbanjat.

Fil-qiegħ tiegħu hemm żewġ marki: Fleur-de-Lys, u l-inizjali D.F. li huma ta' Dionisio Famucelli (1665–1683). Hemm marka oħra bħal "G" jew "S". Jidher ukoll ċirku.

Dan il-pissidi żgħir, mimli bl-ostji kkonsagrati, flimkien ma' xi għamara oħra tal-knisja, insteraq mill-knisja l-qadima ta' Birmiftuħ fil-Gudja, fis-26 ta' Jannar, 1663. Aktar tard instab vojt fil-knisja ta' San Ġakbu, il-Belt. Dan l-inċident, flimkien ma' inċidenti oħra li seħħew fl-istess knisja, kien wieħed mir-raġunijiet li wassal lin-nies tal-Gudja li jkollhom knisja ġdida fl-istess raħal".

Minn inventarju ta' Dr. Jimmy Farrugia, Ġunju, 1995 dwar oġġetti tal-fidda fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

Fil-fatt, Mario Gatt, fl-artiklu tiegħu dwar din is-serqa, fil-Programm tal-Festa ta' l-1995, jgħidilna li l-Inkwiżitur Mariscotti ta l-ordni biex dan il-pissidi ssirlu l-marka ta' l-arġentier li hadmu "D.F." – Dionisio Famucelli – u Fleur-de-Lys. L-arġentier kellu jagħmel fuqu s-soliti marki sigrieti. A.I.M. Vol 71 B, Casanta Process, Nru 311.

Dan jikkonferma li dan il-pissidi kien l-istess wieħed li nsteraq minn Birmiftuħ fl-1663 fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Gatt.

kien isir fil-kappella tal-Viżitazzjoni ta' Sidtna Marija meta kien jiġi pprovdut ikel għall-kappillan, għas-sagristan u għal erba' foqra. Fil-festa ta' l-Assunzjoni ta' Marija kienu jitqassmu sitt moddijiet[8] maħlut lill-foqra. Drabi oħra dan il-piż inbidel f'ikla għall-kappillan, għas-sagristan u għal sitt foqra. F'jum il-festa li kienet tiġi ċċelebrata fil-Parroċċa l-antika, kienu jitqassmu sitt moddijiet maħlut lill-foqra, il-Kappillan kien jingħata tiġieġa, żewġ ħobżiet u flixkun inbid u kien jingħata ikel lil xi foqra.[9]

Għall-aħħar tas-seklu sbatax, l-Isqof Cocco Palmieri ordna li ssir il-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija fil-parroċċa l-antika ta' Birmiftuħ minn fondi li qabel kienu jintużaw għall-festa ta' l-Assunzjoni.

Tul iż-żmien sar ħafna tibdil, min jaf għal kemm-il darba. Il-Knisja ta' Birmiftuħ, minn knisja parrokkjali ta' seba' irħula, saret il-parroċċa ta' raħal wieħed, u wara lanqas baqgħet knisja parrokkjali aktar. Ġarrbet ħsarat kbar. Iżda dejjem baqgħet għal qalb in-nies. Passiġġata sal-kappella hija drawwa tan-nies ta' l-irħula ta' madwar, u waqt din ma tonqosx viżta lill-kappella, għalkemm din aktarx tkun magħluqa. Talb "għall-erwieħ tal-kappella" ma jonqosx, għalkemm illum ma fadal kważi xejn li juri li f'dan il-post kien hemm ċimiterju.

*Paul Farrugia, M.A.*

1. Ara VP 1679-80. *'La chiesa parrochiale antica fabricata nel 1512 fuori dell'abitato in un luogo detto Birmiftuħ.'* Ukoll VP 1740 *'Construtta in loco campestro.'* G.F. Abela jiddeskriviha bħala *'luogo ... fuori dell' abitato.'*
2. A. Luttrel, *Approaches to Medieval Malta*, p. 172.
3. Fl-1575 il-Knisja ta' Birmiftuħ mhux biss kienet iddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija, iżda kellha tliet altari tal-ġenb iddedikati lill-Assunzjoni, barra mill-altar maġġur. Din l-għamla ta' ripetizzjoni kienet pjuttost komuni fil-knejjes Maltin f'dak iż-żmien.
4. VP 1615. F'din il-vista pastorali din il-pittura tissejjaħ tal-Madonna tal-Grazzja.
5. 'Il quddiem bdiet issir quddiesa fil-knisja parrokkjali, trasferita minn din il-kappella.
6. VP 1673.
7. Flus ta' dak iż-żmien.
8. Kejl tal-qamħ.
9. VP 1678.

*(Jaqbad ma' paġna 5)*

Il-kumpanija li Marija qed iżżomm lil Kristu ttul matul l-eżistenza kollha ta' Binha u matul il-ħidma salvifika tiegħu. Għalhekk, billi hi kienet akkompanjat lil binha Ġesù mit-twelid sal-mewt tas-salib, tipparteċipa wkoll fil-glorja tiegħu. Hu stess kien qal li meta jitgħolla 'l fuq (fuq is-salib jew fil-glorja), jiġbed lill-bnedmin kollha lejh (Ġw 12,32). Hekk kif il-qawmien ta' Ġesù hija r-risposta tal-Missier għall-ubbidjenza ta' l-Iben għas-salib, hekk ukoll il-glorifikazzjoni ta' Marija hija att liberu u ta' mħabba li bih il-Missier idaħħal lil Omm Ibnu fil-glorja minħabba l-kollaborazzjoni tagħha miegħu fil-misteru tas-Salib.

Il-glorja ta' Marija hija l-ewwel frotta li nqatgħet mis-siġra ta' l-Għid. Kristu huwa 'l-ewwel fost ħafna aħwa" (Rm 8, 29), "l-ewwel fost dawk kollha li qamu mill-imwiet" (Kol 1, 18). Kristu mhux xi rebbieħ iżolat, maqtugħ għalih innifsu. Huwa "l-ewwel li qam fost dawk li raqdu" (1 Kor 15, 20). Ġesù b'hekk iwettaq il-wegħda tiegħu; kellu jmur biex jipprepara post, biex imbagħad jiġi u jeħodna miegħu, sabiex inkunu fejn ikun hu.

Dan hu wettqu fuq kollox għal Ommu Marija fil-jum ta' l-Assunzjoni tagħha. Omm Ġesù, bi privileġġ waħdieni, hekk kif temmet il-ħajja tagħha fuq din l-art imxiet fit-triq tar-rebħa sħiħa fuq il-mewt li hi l-frott tal-qawmien ta' binha. Marija, l-igglorifikata, turi s-suċċess tal-ħidma messjanika ta' Ġesù: fih aħna nifhmu Alla xi xtaq jagħmel mal-bniedem u mal-ħolqien kollu. Il-qawwa glorjuża ta' Kristu rxoxt hija l-bidu tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha sakemm Alla jkun kollox f'kollox (ara 1 Kor 15, 28).

Il-glorifikazzjoni ta' Marija hija eku tal-qawmien ta' Ġesù ghax kienet hi l-aktar kreatura li kkollaborat mill-qrib fir-redenzjoni ta' Binha. "Bl-assunzjoni tagħha, f'Marija isseħħ is-solennità ta' l-Għid. It-tnejn flimkien jirrappreżentaw solennità waħda; fil-fatt, anke l-Mulej, fil-jum tal-qawmien tiegħu kien fil-punt li jitla' għand missieru u missierna" (A. von Speyr).

Marija tibqa' preżenti fid-dinja u fil-qalba tal-Knisja bil-preżenza ħajja tagħha. Għalkemm aħna ma narawhiex bl-għajnejn ta' ġisimna, żgur li mhix assenti minn fostna. Hija preżenti b'mod reali, f'forma attiva ħafna avolja moħħna mhux kapaċi jispjega l-mod kif.

Marija tidher quddiemna bħala l-kreatura li fiha seħħ bis-sħiħ il-pjan ta' Alla li jġedded kollox fi Kristu (ara Ef 1, 9-19; Ap 21, 5).

F'dan il-kuntest naslu biex nifhmu kif Marija hija l-Knisja fiċ-ċokon. Dak li Alla jrid li jseħħ fost il-bnedmin permezz tal-Knisja, diġà narawh iseħħ f'Marija. Barra minn hekk, Marija hija l-figura profetika tal-Knisja futura mhux biss għax hi waslet fit-tmiem tal-mixja tagħha – dik l-istess triq li minnha għaddejja l-Knisja bħalissa – iżda anke għax ikkollaborat ma' Kristu biex jinawgura żminijiet ġodda permezz tal-Knisja.

Marija hija diġà l-Knisja fil-perfezzjoni tagħha iżda l-Knisja ghad mhix perfettament Marija; l-Igglorifikata hija diġà l-Knisja realizzata, imma l-Knisja li tinsab miexja fid-dinja għad mhix Marija tal-glorja. Marija qed tgħinha kontinwament bil-preżenza u l-eżempju tagħha biex tasal fejn waslet hi.

*Michele Giulio Masciarelli*